MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Rikors Kongunt Numru. 330/2013

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti Amanda Spiteri Mizzi, li permezz tieghu ippremettew :

Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Marzu tas-sena 2001 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, it-tnejn minorenni.

Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin u dan in forza ta' kuntratt pubbliku in atti Nutar Dottor Joseph Debono fl-14 ta' Mejju 2010 (vide Dok. A)

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom

aktar minn erba' snin mifrudin minn ma'xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin u l-partijiet sahansitra fformaw rabta soda u relazzjoni stabbli ma' persuna ohra, u dan kif jirrizulta minn affidavitipprezentat mir-rikorrenti Amanda Spiteri Mizzi, mmarkat Dok. B.

Illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Ghaldaqstant talbu li din l-Qorti joghgobha:

i. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

ii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti Amanda Spiteri Mizzi;

Rat ukoll l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti Marvin Spiteri

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-14 ta' Mejju 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------